

Brussell, 14 ta' Jannar 2022  
(OR. en)

5329/22

MI 34  
COMPET 23  
AGRI 17  
DELECT 5  
ENT 5

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 54 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 13.1.2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2018/985 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tiegħu għal ċerti vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magni fil-medda tal-potenza daqs 56kW jew akbar, u inqas minn 130kW sabiex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 54 final.

Mehmuż: C(2022) 54 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.1.2022  
C(2022) 54 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 13.1.2022**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2018/985 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tiegħu għal ċerti vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magni fil-medda tal-potenza daqs 56kW jew akbar, u inqas minn 130kW sabiex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat tfixkil kontinwu fil-katina tal-provvista u fil-produzzjoni. Minħabba dan it-tfixkil, il-manifatturi mhux dejjem se jkunu jistgħu jissodisfaw l-iskadenzi għall-2021 li japplikaw għall-makkinarju mgħammar b'magni ta' tranżizzjoni fil-medda tal-potenza bejn is-56kW u l-130kW mingħajr ma ssirilhom ħsara ekonomika serja. Il-manifatturi kellhom sat-30 ta' Ġunju 2021 biex ilestu l-produzzjoni tal-makkinarji mgħammra b'dawk il-magni u kellhom sal-31 ta' Diċembru 2021 biex iqegħduhom fis-suq.

Fid-dawl tat-tfixkil kontinwu, ir-Regolament (UE) 2021/1068 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> emenda r-Regolament (UE) 2016/1628<sup>2</sup> għal makkinarju mobbli mhux tat-triq billi ppospona l-iskadenzi li jseħħu fl-2021 għall-makkinarju mobbli mhux tat-triq mgħammar b'magni ta' tranżizzjoni fil-medda tal-potenza bejn is-56kW u l-130kW.

Filwaqt li għad hemm distorsjonijiet fil-katina tal-provvista u fil-produzzjoni, l-amplitudni u l-intensità tagħhom ma jistgħux jitqabblu ma' dawk li kien hemm fir-rebbiegħa tal-2020. Għalhekk għe deċiż li estensjoni ta' sitt xhur għall-manifattura tal-magni mgħammra b'dawk il-magni u estensjoni ta' disa' xhur għat-tqegħid fis-suq, minflok 12-il xahar għat-tnejn li huma fl-2020, kienu biżżejjed.

Peress li l-magni mgħammra b'vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija jsegwu, skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament 167/2013<sup>3</sup>, il-limiti għall-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu tal-istadju V u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-makkinarju mobbli mhux tat-triq stipulati fir-Regolament (UE) 2016/1628, l-estensjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1068 ukoll jenħtieġ li jkunu riflessi fir-Regolament (UE) 2018/985<sup>4</sup> għall-vekturi għall-agrikoltura u għall-forestrija.

Din l-estensjoni mhux se jkollha impatt ambjentali peress li l-magni ta' tranżizzjoni kkonċernati diġà ġew prodotti u l-iskrapjar evitabbli jista' jiġi evitat bil-posponiment tal-iskadenzi applikabbli. Dan il-posponiment iqis li l-produzzjoni u l-bejgħ tal-vekturi għall-agrikoltura u għall-forestrija huma staġjonali u d-durata tat-tfixkil ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 kienet diffiċli li titbassar.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Il-Kummissjoni diġà kkonsultat l-Istati Membri u l-industrija dwar il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19. Għadd ta' Stati Membri kif ukoll partijiet ikkonċernati tal-

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1068 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu għal ċertu makkinarju mgħammar b'magni fil-medda tal-potenza akbar minn jew ugwali għal 56 kW u inqas minn 130 kW, u akbar minn jew ugwali għal 300 kW, biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 230, 30.6.2021, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikulati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

<sup>3</sup> ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1.

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/985 tat-12 ta' Frar 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-unità tal-propulsjoni tal-vekturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-magni tagħhom u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/96 (ĠU L 182, 18.7.2018, p.1).

industrija enfasizzaw biċ-ċar il-kwistjoni tat-tfixkil fil-provvista u l-hteġa li jiġu posposti l-iskadenzi għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magni ta' tranżizzjoni.

Dan l-att ma jbidilx ir-Regolament (UE) 2018/985 dwar is-sustanza u ma jimponix obbligi ġodda fuq il-partijiet ikkonċernati. Sempliċiment jirrifletti l-emenda tar-Regolament (UE) 2016/1628.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

#### **(a) Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' dan l-att delegat hija r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija.

#### **(b) Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-istrument xieraq biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2018/985.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.1.2022

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2018/985 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tiegħu għal ċerti vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magni fil-medda tal-potenza daqs 56kW jew akbar, u inqas minn 130kW sabiex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija<sup>5</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, il-magni mwaħħlin fil-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija jsegwu l-limiti tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu tal-istadju V u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>.
- (2) B'riżultat tat-tfixkil kontinwu kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19, ir-Regolament (UE) 2021/1068 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> emenda r-Regolament (UE) 2016/1628 biex jiġu posposti l-iskadenzi li jseħħu fl-2021 għall-makkinarju mobbli mhux tat-triq mgħammar b'magni ta' tranżizzjoni fil-medda tal-potenza bejn is-56kW u l-130kW. L-iskadenza tat-30 ta' Ġunju 2021 għall-produzzjoni tal-makkinarju mgħammar b'dawk il-magni ġiet estiża b'sitt xhur, u l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2021 għat-tqegħid fis-suq tal-makkinarju mgħammar b'dawk il-magni ġiet estiża b'disa' xhur.
- (3) It-tfixkil kontinwu fil-katina tal-provvista u fil-produzzjoni kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 xorta għadu jwassal għal dewmien fil-produzzjoni u fit-tqegħid fis-suq tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magni ta' tranżizzjoni fil-medda tal-potenza bejn is-56kW u l-130kW. Sabiex jiġu żgurati il-funzjonament bla tfixkil tas-suq intern, biex ikun hemm ċertezza legali, u biex jiġi evitat tfixkil potenzjali fis-suq, jeħtieġ li jiġu estiżi d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-

<sup>5</sup> ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1.

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1068 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu għal ċertu makkinarju mgħammar b'magni fil-medda tal-potenza akbar minn jew ugwali għal 56 kW u inqas minn 130 kW, u akbar minn jew ugwali għal 300 kW, biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 230, 30.6.2021, p. 1).

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/985<sup>8</sup> għal dawk il-kategoriji ta' magni.

- (4) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2018/985 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Peress li l-estensjoni tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali mhux se jkollha impatt ambjentali minħabba li l-magni ta' tranżizzjoni kkonċernati diġà ġew prodotti, l-estensjoni tal-perjodi rilevanti jenħtieġ li tkun ta' disa' u sitt xhur sabiex jiġu riflessi l-perjodi estenzi previsti fir-Regolament (UE) 2016/1628.
- (6) Fid-dawl tal-fatt li perjodu ta' tranżizzjoni previst fl-Artikolu 13(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/985 għal ċerti magni se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021, u l-manifatturi kellhom sat-30 ta' Ġunju 2021 biex jipproduċu vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija mgħammra b'magni ta' tranżizzjoni ta' dawk is-subkategoriji, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Lulju 2021. It-tali dispożizzjoni hija meħtieġa minħabba t-tfixkil kontinwu tal-pandemija tal-COVID-19 li ma kienx previst, kif ukoll minħabba l-ħtieġa li jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trattament indaqs tal-manifatturi irrispettivament minn jekk ipproduċewx il-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija qabel jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Għall-magni tas-subkategoriji tal-kategorija NRE li għalihom id-data ta' applikazzjoni obligatorja stabbilita fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' magni tal-Istadju V hija l-1 ta' Jannar 2020, għajr għall-magni msemmija fit-tielet subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-estensjoni b'disa' xhur tal-perjodu ta' 24 xahar imsemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi u l-estensjoni b'sitt xhur tal-perjodu ta' 18-il xahar imsemmi fit-tieni subparagrafu.”.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021.

---

<sup>8</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/985 tat-12 ta' Frar 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-unità tal-propulsjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-magni tagħhom u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/96 (ĠU L 182, 18.7.2018, p.1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.1.2022

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*